# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Marzu 2002.**

**Numru**

**Citaz. numru 948/93 DS**

Dr. Simon Micallef Stafrace bhala rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd. u din bhala agenti Malta tas-socjeta` assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Industrial Motors Limited

vs

James Gollcher u Karl Gollcher ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` O.F. Gollcher & Sons Limited u din bhala agenti Malta ta' Nippon Yusen Kaisha NYK Line armaturi tal-vapur "Figaro" u Godwin Abela u Alfred E. Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza

tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited

Illum, 8 ta’ Marzu 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-9 ta’ Lulju 1993 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi s-socjeta’ Industrial Motors Limited importat gewwa Malta fuq il-vapur “Figaro” konsenja ta’ vetturi “Mitsubishi”.

Illi wara li waslet din il-merkanzija f’Malta fis-26 ta’ Settembru 1992 u inhattet f’idejn is-socjeta’ The Cargo Handling Company Limited l-assigurat tal-attur gabar il-merkanzija in kwistjoni u sab li l-merkanzija kellha in-nuqqasijiet u danni kif spjegat fid-dokument A.

Illi ai termini tal-polza ta’ assigurazzjoni bejn l-attur nomine u l-assigurat tieghu hu kellu jindinizza lill-assigurat tieghu tal-hsarat u danni li gew lilu kawzati u b’hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat.

Illi l-attur nomine jikkwantifika il-hsarat u nuqqasijiet riportati fil-merkanzija tal-assigurat tieghu fl-ammont ta’ tmien mija u hdax il-lira u disghin centezmu (Lm811.90,0) inkluz f’din il-figura l-ammont ta’ tlett mija u tnax il-lira (Lm312) imhallsa bhala survey fee.

Illi l-konvenuti nomine jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni.

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli ghall-hsarat kagjonati fil-merkanzija tal-assigurat nomine.

2. tillikwida d-danni sofferti mill-assigurat tal-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur fis-somma ta' Lm811.90,0;

3. tikkundanna lill-konvenuti nomine jew min minnhom ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' Lm811.90,0 bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom huma responsabbli il-konvenuti nomine jew min minnhom.

- kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi, kontra l-konvenuti nomine li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti James Gollcher et nomine fejn qalu:

1. Illi in kwantu diretti kontra l-eccipjenti nomine it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjenti nomine mhumiex responsabbli ghall-hsarat u nuqqasijiet allegati.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-eccipjenti m'ghandhomx ibatu s-survey fee stante li din mhijiex parti mid-danni ta' l-assigurat (sentenza ta' l-Appell Sede Kummerc: Citaz. Nru. 112/86 – 6/4/92 – Dr. R. Staines et noe vs. Chev. Silvio Mifsud noe et ).

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-interessi legali ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (sentenza ta' l-Appell Sede Kummerc: Citaz. Nru. 112/86 – 6/4/92 – Dr. R. Staines et noe vs Chev. Silvio Mifsud noe et).

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, ir-responsabilita' ta' l-eccipjenti nomine hija limitata skond il-polza tal-kariku.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Godwin Abela et nomine fejn qalu:

1. Illi preliminarjament ghandu jigi esebit l-allegat kuntratt jew ftehim ta' agenzija li s-socjeta' attrici qed tallega li ghandha mas-socjeta' assigurattrici estera.
2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi esebit il-mod u/jew ic-cheque li bih sar il-pagament ta' Lm499.90,0 lill-Industrial Motors Ltd., u l-polza ta' l-assigurazzjoni relattiva.

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, is-survey esebit ghandu jigi sfilzat stante li huwa maghmul "ex parte" u kwindi mhux anness bhala prova.

4. Illi di piu fil-mertu l-importatur nnifsu ffirma l-Gate Pass Out tramite r-rappresentant tieghu fejn huwa ddikjara li rcieva l-merkanzija “in good order and condition” bla ma’ ghamel jew insista ghal ebda rimarka dwar l-istess u ai termini tas-sentenza datata 19 ta’ Awissu 1992 fl-ismijiet Reginald Micallef vs James Gollcher u Karl Gollcher u Godwin Abela u John Cavallo (Citaz. Nru. 1103/86). Qorti ta’ l-Appell, is-socjeta’ konvenuta m’hijiex risponsabbli ghall-allegat hsarat.

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall premess l-ammont huwa ghall kollox esagerat stante li l-ammont ta’ Lm312.00,0 bhala survey fees saru propju mis-socjeta’ attrici propju u ma’ hemm ebda surroga ghar-rigward ta’ l-istess u dana skond sentenza datata ta’ April 1992 fil-Qorti ta’ l-Appell Sede Kummercjali fl-ismijiet Dr. Robert Staines u Walter Camilleri vs Chev. Silvio Mifsud u Godwin Abela u John Cavallo (Citaz. Nru. 112/86).

6. Illi apparti l-premess u bla pregudizzju ghall-istess dak li huwa deskritt bhala survey fee u fic-citazzjoni f’dik s-small claim information form huwa bhala “agency fees” f’Dok “A” u bhala spejjes proprio tas-socjeta’ attrici ma’ jistghux jigu riklamati kontra l-esponenti nomine li mieghu l-esponenti nomine m’ghandu ebda relazzjoni giuridika u dan ai termini tas-sentenza gia citata.

7. Illi di piu u bla pregudizzju ghall-premess, l-interessi ma jiddikorrux mid-data tal-pagament, izda mid-data tas-sentenza, aktar u aktar meta l-konvenuti nomine qatt qabel din il-kawza ma’ gew notifikati bl-ammont u bid-dettalji tal-allegati hsarat u nuqqas, iktar u iktar meta tali dettalji kienu gia ghand is-socjeta’ attrici fit-30 ta’ Settembru 1992 u l-kawza

saret fid-19 ta' Lulju, 1993. Di piu l-konvenuti lanqas gew infurmati dwar l-allegat xogholijiet ta' tiswija.

8. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tad-9 ta' Gunju 1994 fejn gie nominat Dr. Philip Manduca bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-30 ta' Mejju 2000 fejn l-imsemmi perit legali gie ezonerat mill-inkarigu tieghu u l-Qorti pprocediet ghas-smiegh tal-provi;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta` Industrial Motors Limited importat f'Malta numru ta' vetturi Mitsubishi li waslu fis-26 ta' Settembru 1992 fuq il-vapur FIGARO. Minhabba xi hsarat u nuqqasijiet sar *claim* mas-socjeta` assikuratrici attrici li hallset is-somma ta' Lm499.90 lis-socjeta` assikurata. Ghalhekk issa s-socjeta` attrici qed titlob dan l-ammont flimkien mas-*survey fees* in lineja ta' danni.

Fir-ricerka ta' responsabbilta` f'dawn il-kazijiet l-iktar dokumenti rilevanti huma t-*tally sheet* u l-*gate pass-out*, u li dwarhom il-Qrati taghna kkummentaw diversi drabi. Hekk fil-kawza fl-ismijiet **Michael Gatt noe vs L-Avukat Philip Sciberras noe et** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell Kumercjali fl-20 ta' April 1995 (Vol. LXXIX.ii.903) intqal:

> *"Ghaz-zewg mumenti fokali hemm il-prova dokumentarja li ghandha* ***juris tantum*** *tkun deciziva. Meta l-merkanzija tigi skarikata minn fuq il-bastiment jigi kkompilat rapport fuq l-istat li fih tinzel il-merkanzija minn abbord – it-****tally sheet****; u ghat-tieni mument, qabel il-merkanzija tohrog mid-Dwana u tigi kkonsenjata lill-importatur, dan jirrilaxxja certifikat lill-Kontrollur tad-Dwana fuq l-istat tal-merkanzija li jkun qed jircievi – l-****Gate Pass-Out****;*
>
> *Dawn iz-zewg dokumenti ghandhom jitqiesu bhala decizivi u li jorbtu l-partijiet kollha fil-kawza li ghandhom l-opportunita`, f'waqtha* ***a tempo vergine****, li jikkontrollaw u jipprecizaw ir-registrazzjoni ta' l-istat ta' fatt. Provi* ***a posteriori*** *ta' dawk iz-zewg mumenti m'ghandhomx valur kontra l-prezunzjoni* ***juris tantum*** *li dawk id-dokumenti huma veri u awtentici dokumenti li gew ikkompilati tempestivament u fil-mumenti opportuni."*

Tali prova tista' tigi ribattuta bi provi li jridu jkunu ferm konvincenti biex jigi annullat il-valur probatorju taghhom (ara per ezempju **Joseph Felice Pace noe vs Godwin Abela noe** – Vol. LXXIII.iv.948 – deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-2 ta' Mejju 1989, u **Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs Godwin Abela et noe** – citaz. nru. 325/94 – deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fil-15 ta' Gunju 1999).

Fil-kaz in ezami gie esebit mill-konvenuti Gollcher et nomine kopja tat-*tally sheet* relattiv (Dok. H a fol. 44) mnejn jidher li minn fost tmienja u sebghin (78) vettura tal-marka Mitsubishi skarikati, wahda minnhom (# 12) kellha *"left front mudguard slightly dented"*. Mit-*tally sheet* korrispondenti tas-socjeta` konvenuta l-ohra The Cargo Handling Co. Ltd. esebita minn Peter Bonello fl-20 ta' Novembru 2001, tirrizulta wkoll rimarka dwar vettura wahda biss indikata wkoll bin-numru "12".

Mill-banda l-ohra mill-kopji tal-*gate pass-outs* esebiti mis-socjeta` attrici (a fol. 19, 20 u 21) u li kopji taghhom gew esebiti wkoll mill-imsemmi Peter Bonello, jirrizulta li l-vetturi nhargu *"in good order and condition"* u ma tirrizulta l-ebda rimarka dwarhom.

Is-socjeta` attrici qed tibbaza l-pretensjoni taghha fuq ix-xiehda ta' Tony Micallef, impjegat tas-socjeta` importatrici (ara xiehda tieghu moghtija fis-16 ta' Frar 2001) li pero` ddikjara li kien qed jixhed mid-dokumentazzjoni u dak li rriferiet ghalih bhala s-*survey report* (a fol. 6). Ma gietx prodotta l-persuna li kkompilat dan ir-rapport, li ma jidhirx li huwa fil-fatt *survey report* izda *'small claim' information form*. Li huwa interessanti huwa li f'din il-formula hemm miktub hekk:

> *Reason for dispensing with Survey: Survey carried out at Laboratory Wharf*

U *a retro* ta' l-istess formula hemm miktub:

> *Our surveyor was present on release and verified shortages/damages as follows:-*

Filwaqt li din il-formula normalment tigi uzata meta ma jsirx *survey* u s-socjeta` asssikuratrici tibbaza ruhha fuq l-informazzjoni u dokumentazzjoni moghtija lilha mill-importatur, f'dan il-kaz hemm indikazzjonijiet kontrastanti. Li probabilment gara kien li s-*survey* sar minn rapprezentant tas-socjeta` importatrici (difatti Tony Micallef semma' lil certu Joe Busuttil li kien jaghmel is-*surveys*) imbaghad s-*surveyor* tas-socjeta` assikuratrici kien prezenti biss fil-mument tar-rilaxx. Dan pero` ma jispjega xejn dwar il-fatt li l-*gate pass-outs* huma *"clean"*, jigifieri li jindikaw li ma kienx hemm hsarat jew nuqqasijiet fil-vetturi in kwistjoni. Kien ir-responsabbilta` ta' min mar biex jirrilaxxja l-vetturi li jara li dawn il-hsarat u nuqqasijiet jigu indikati fil-*gate pass-out* relattiv. Ma ngabet l-ebda xiehda biex tispjega kif gie kompilat l-hekk imsejjah *survey report*, l-ebda xiehda biex tikkonferma l-hsarat u nuqqasijiet, l-ebda xiehda biex tispjega ghaliex, nonostante l-allegati danni, il-*gate pass-outs* ma fihom l-ebda rimarka. Interessanti wkoll li wiehed jinnota li filwaqt li fuq it-*tally sheets* hemm indikazzjoni ta' hsara f'karrozza wahda konsistenti f' *left front mudguard slightly dented*, f'l-hekk imsejjah *survey report* m'hemm l-ebda indikazzjoni ta' din il-hsara.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li bil-ftit provi li tressqu mis-socjeta` assikuratrici attrici gie annullat il-valur probatorju tad-dokumenti msemmija u t-talbiet attrici ma jistghux b'hekk jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

**ONOR. IMHALLEF**

**DOTTOR DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**